MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2013

Numru. 902/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Frankie Sammut**

**vs**

**Christopher Azzopardi**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Christopher Azzopardi ta' 38 sena, bin il-mejjet John u Annunziata nee' Previ, imwieled il-Pieta' fl-14 ta' Lulju 1973 u residenti fil-fond : Nru 165 'Prigis', Vjal il-Helsien, Haz-Zebbug, Malta jew Nru. 37 Triq San Lazzru, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 339373 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

A) Nhar is-17 t' April 2011, ghal habta tas-7.00 ta' filghaxija, filwaqt li kien hdejn il-'Benbow kiosk', li jinsab f'Misrah Santa Margerita, gewwa Bormla, ikkawza griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Bernard Bondin, liema ferita ggib debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew mankament fid-driegh ix-xellugija tal-vittma, skond kif iccertifikat minn Dr. Branko Magazinovic M.D. mit-Taqsima ta' l-Orthopedija ta' l-isptar Mater Dei u Dr. Stephen Spiteri M.D.;

B) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' Bernard Bondin minn Bormla, sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmel hsara lil din il-persuna;

Il-Qorti hi mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hi mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra ta' l-esperti skond l-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 31 ta' Lulju 2012 (esebita a fol. 79 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikolu 214 u 216(1)(a)(ii)(iii)(b)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-artikoli 382A, 383, 384, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-artikoli 17,31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tas-26 ta' Novembru 2012, l-imputat iddikjara li m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat li waqt l-udjenza tat-28 ta’ Gunju 2012 Bernard Bondin irrinnunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw glieda li allegatament sehhet fis-17 ta’ April 2011 ghall-habta tas-7.00pm hdejn il-Benbow Kiosk, f’Misrah Santa Margerita, Bormla bejn l-imputat u Bernard Bondin fejn l-imputat sofra griehi ta’ natura hafifa u Bernard Bondin sofra griehi f’idu x-xellugija li mic-certifikati medici rilaxxjati minn zewg tobba differenti u li jinsabu inseriti a fol. 17 u 26 tal-atti processwali jirrizulta dubjuz jekk dawn il-griehi fil-fatt kienux ta’ natura hafifa jew gravi.

Bernard Bondin xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-24 ta’ Frar 2012 fejn sostna li fil-gurnata in dizamina huwa kien qed jiehu drink fil-Benbow Kiosk fejn kien hemm ukoll l-imputat li kien qed jargumenta ma terza persuna u meta huwa mar sabiex isiktu l-imputat imbaghad dar lejh u bdew jiggieldu u Bondin jghid li kiser idu. Huwa jghid li dak il-hin cempel lil huh sabiex imur ghalih u nizluh il-hanut ta’ missieru. Bernard Bondin jghid li wegga’ idejh ghaliex meta beda’ jiggieled mal-imputat waqa’ ghal daru. Dan ix-xhud jghid li huwa fl-ebda hin ma ra lill-imputat jiggieled ma huh Clayton Bondin.

L-imputat ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-1 ta’ Frar 2013 fejn qal li fil-gurnata in dizamina kien qed jiehu drink ghall-affari tieghu fil-Benbow Kiosk, Bormla meta mar fuqu Bernard Bondin u qallu li kien ser ipattihielu ghal dak li kien ghamel lil huh u mbuttah u meta intalbu johorgu l-barra minn sid il-gabbana huma ggieldu barra u t-tnejn waqghu mal-art fejn Bernard Bondin wegga’ jdejh. L-imputat qal li huwa kellu

ferita f'imniehru bhala konsegwenza tal-incident u spjega li meta gew il-Pulizija fuq il-post kemm hu kif ukoll Bernard Bondin qalulhom li ma kien gara xejn. L-imputat qal ukoll li huwa kien mar l-Ghassa jaghmel rapport l-ghada filghodu. L-imputat ta l-istess verzjoni tal-fatti meta rrilaxxja l-istqarrija nserita a fol. 28 s a 31 tal-atti processwali.

Illi kif diga' ntqal aktar 'il fuq il-parti leza Bernard Bondin irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat. Fin-Nota ta' Rinviju ghall-gudizzju tal-31 ta' Lulju 2012 l-Avukat Generali indika li tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub fl-artikoli 21, 216 u 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali. Il-Prosekuzzjoni esebiet zewg certifikati medici in kwantu jirrigwarda il-griehi sofferti minn Bernard Bondin u cioe' dak inserit a fol. 17 rilaxxjat minn Dr. Branko Magazinovic fejn in-natura tal-griehi ma gietx klassifikata izda fejn intqal li l-imputat kellu jdum bil-gibs ghal perijodu ta' tlett gimghat u c-certifikat rilaxxjat minn Dr. Stephen Spiteri li jghid li l-griehi sofferti minn Bondin ma kienux gravi salv kumplikazzjonijiet. Meta xehed Dr. Spiteri f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-24 ta' Mejju 2012 huwa spjega li n-natura tal-griehi sofferti minn Bondin ma kinitx gravi u li huwa seta' jiccertifika li ma kienx hemm kumplikazzjonijiet. Dan kollu jindika li fil-fatt in-natura tal-griehi sofferti mill-parti leza kienet ta' natura hafifa u in vista tal-fatt li l-istess parti leza rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat il-Qorti ser tiddikjara l-procediment ezawrit u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi u stante r-rinunzja tal-parti leza Bernard Bondin l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------